# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Tnejn wiehed u ghoxrin (21) taʼ Mejju 2018**

**Rikors Numru 223/16 FDP**

**Summit Finishers Ltd (C 39280) kif debitament rapprezentata minn Matthew Sammut (ID 106785M)**

**vs**

**Dr Alexiei Dingli fil-kapacita tieghu bhala Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta**
**u**
**Gabriella Agius, fil-kapacita taghha bhala Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 5 ta' Settembru 2016 fejn is-socjeta rikorrenti, filwaqt illi ghamlet referenza ghal kummenti illi gew imxandra u ippubblikati fuq il-pagna ta' Facebook tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta fis 26 ta' Lulju 2016 fil 8.45am, talbet illi jigi dikjarat illi tali kummenti kienu ingurjuzi u malafamanti fil-konfront tas-socjeta rikorrenti u ghalhekk tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsuha danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kumment illi abbazi tieghu s-socjeta rikorrenti niedet il-proceduri odjerni, li kienu jghidu dan li gej:

> *"119, Republic Street. Is-sid ta' din il-propjeta' ma kellux dicenza jgib skip ..... le ma tarax ..... itfa barra hdejn l-iskip tal-kunsill ... kissirha ... u kompli itfa barra .... MAHMUGIN."*

Rat l-eccezzjonijiet ta' l-intimati ippresentati fit 18 ta' Ottubru 2016 fejn l-intimati eccepew illi t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi huwa irriproducew dak lilhom rrapurtat u, oltre dan, la ingurjaw u wisq anqas immalafamaw lis-socjeta rikorrenti.

Semghet ix-xhieda ta' **Matthew Sammut** moghtija fis-16 ta' Jannar 2017, partikolarment il-post illi ttella mill-pagna bl-isem ta' **Kunsill Lokali tal-Belt Valletta** u li hija l-meritu tal-kawza odjerna. (fol 36)

Semghet il-kontro ezami ta' Matthew Sammut illi saret fit 13 ta' Marzu 2017.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimata **Gabriella Agius** prodotta mis-socjeta rikorrenti u moghtija fit 13 ta' Marzu 2017.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimata **Dr Alexei Dingli** prodott mis-socjeta rikorrenti u moghtija fit 13 ta' Marzu 2017.

Semghet ix-xhieda ta' l-intimata **Gabriella Agius** prodotta mis-socjeta rikorrenti u moghtija fit 8 ta' Mejju 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita, partikolarment messagg lilha mibghuta minn resident tal-Belt b'ilment illi dwar eventwalment sar il-post meritu tal-kawza odjerna (fol 69).

Semghet ix-xhieda ta' **Mario Farrugia**, kuntrattur li jiehu hsieb il-'bulky refuse' tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, u moghtija fis 26 ta' Gunju 2017.

Rat illi fis-26 ta' Gunju 2017 is-socjeta rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Mario Farrugia moghtija fit 18 ta' Jannar 2018.

Rat illi fit 18 ta' Jannar 2018 u sussegwentement fit 8 ta' Frar 2018, il-kawza giet differita ghall-eghluq provi intimati u finali trattazzjoni.

Rat illi fid 9 ta' April 2018 l-intimati ddikjaraw illi ma kellhoxm aktar provi x'jippresentaw u li ghalhekk il-kawza setghet tithalla ghas-sentenza.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti, Summit Finishers Limited, kienet propretarja tal-fond 119, Republic Street, Valletta, liema propjeta hija akkwistat sabiex taghmel re-furbishment tieghu u eventwalment tbieghu lill-terzi persuni.

Jirrizulta illi fis-26 ta' Lulju 2016, ittella post fuq il-pagna tal-Facebook tal-Kunsill Lokali tal-Belt, fejn jidher faccata ta' propjeta' b'materjal ta' kostruzzjoni fuq barra tal-bieb tal-propjeta.

Jirrizulta ukoll illi fuq tali ritratt ittella kumment, gia rappurtat aktar il-fuq, illi kien jghid:

> *"119, Republic Street. Is-sid ta' din il-propjeta' ma kellux dicenza jgib skip ..... le ma tarax ..... itfa barra hdejn l-iskip tal-kunsill ... kissirha ... u kompli itfa barra .... MAHMUGIN."*

Jirrizulta illi dak iz-zmien, is-socjeta rikorrenti kienet dahhlet f'konvenju ma' terzi persuni u kienet qed taghmel xogholijiet ta' rinovazzjoni fil-post li kien antik u li kellu bzonn xoghol ta' rinovazzjoni fih – kopja ta' dan il-konvenju qatt ma ingab.

Jirrizulta illi eventwalment is-socjeta rikorrenti bieghet il-propjeta lill-dawna l-persuna illi riedu juzawha, skond ma jghid ir-rappresentant tas-socjeta rikorrenti, sabiex jikruha bhala Bed & Breakfast – kopja ta' tali kuntratt u wisq anqas xhieda ta' tali persuni qatt ma ttellghu.

Jirrizulta illi hekk kif ittella l-post, l-konsulent legali tas-socjeta rikorrenti kellem lill-intimat Dr Alexiei Dingli sabiex inehhu dak il-post, izda dana ma sehhx, u ghalhekk is-socjeta rikorrenti ghamlet kwerela kriminali kontra l-intimati kif ukoll ghamel il-proceduri odjerni – din l-Qorti ma ghandha ebda indikazzjoni dwar l-esitu tal-proceduri kriminali, peress illi dawna gew ippresentati fid-Distrett tal-Belt.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-intimati, fid-difiza taghhom, qajjmu zewgt difizi principali, ossija illi huma rrapurtaw dak illi kien lilhom intqal minn residenti kif ukoll illi qatt ma mmalafamaw is-socjeta rikorrenti.

Dwar l-ewwel difiza mqajjma mill-intimati, ossija illi huma rrappurtaw dak illi kienu qed jghidulhom ir-residenti, jirrizulta, mill-provi prodotti quddiemha, illi l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta kien ilu jircievi ilmenti minghand residenti u persuni ohra illi barra il-fond tas-socjeta rikorrenti kien qed jithalla hafna skart ta' kostruzzjoni.

Jirrizulta, mix-xhieda ta' l-intimata Graziella Agius, illi kien hemm hafna residenti illi kienu jcemplulha jilmentaw dwar dana il-fond, u ghalhekk hija ghamlet il-verifiki taghha, u sabet illi ma kien hemm ebda permess ta' xogholijiet u s-socjeta rikorrenti qatt ma kienet talbet jew ottjeniet permess sabiex tkun tista tuza makkinarju fit-triq biswit is-sit.

Jirrizulta illi fil-25 ta' Lulju 2016, il-Kunsill Lokali kien ircieva ilment bil-miktub via Facebook Messenger fejn intbghatu zewt ritratti, wiehed illi eventwalment ittella mill-Kunsill Lokali l-gurnata ta' wara, u ritratt iehor fejn jidher hafna materjal ta' kostruzzjoni go xkejjer.

Jirrizulta illi dakinhar stess Graziella Agius marret fuq il-post biex tivverifika u setghet tikkonstata illi kien hemm materjal biswit il-propjeta' tas-socjeta rikorrenti, u ghalhekk il-gurnata ta' wara telleghet il-post meritu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta illi l-persuna inkarigata mill-gbir tal-iskart kbir gewwa il-Belt Valletta, ossija Mario Farrugia, stqarr illi kien ta' spiss jara materjal barra il-bieb tal-fond tas-socjeta rikorrenti, u kien gibed l-attenzjoni ta' dan lill Graziella Agius ukoll.

Dwar ir-tieni difiza mqajjma mill-intimati, ossija illi huma qatt ma mmalafamaw jew semmew lis-socjeta rikorrenti, jirrizulta, mill-provi prodotti, illi fil-post fuq indikat, l-intimati juzaw il kliem is-segwenti: "*119, Republic Street. Is-Sid ta' din il-propjeta*" filwaqt illi ma jaghmel ebda indikazzjoni dwar min attwalment huwa s-sid.

Jirrizulta ukoll, ghalkemm fil-post hemm ritratt ta' faccata ta' bieb b'materjal fuqu, ma hemm ebda indikazzjoni ghas-socjeta rikorrenti fuq tali bieb u bl-ebda mod ma hemm ness bejn ir-ritratt u l-kliem fil-post u s-socjeta rikorrenti,

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti kkontendiet illi hija giet infurmata minn min kien ser jixtri l-fond minghandhom, peress illi, skond is-socjeta rikorrenti, ix-xerrejja bdew jibzghu illi kien ser ikollu impatt hazin fuq ix-xoghol illi riedu jaghmlu bih il-post wara illi jixtruh, ossija B&B. Madanakollu, s-socjeta rikorrenti qatt ma pproduciet tali persuni bhala xhieda quddiem dina l-Qorti, u ghalhekk tali prova ta' pubblicita' u ness mas-socjeta rikorrenti ma giex ippruvat mis-socjeta rikorrenti.

**Ikkunsidrat**

Abbazi tal-provi kif fuq prodotti, jidher, l-ewwel u qabel kollox, illi l-ilment illi dwaru inkiteb il-post meritu tal-kawza odjerna jidher illi kien ibbazat fuq fatti illi gew ikkonfermati kemm mill-intimata Gabriella Agius kif ukoll minn ilmenti illi kienu dehlin minn residenti kif ukoll minn min jiehdu hsieb il-garr tal-iskart goff, Mario Farrugia. Ghalhekk, il-kumment illi sar certament jista jinghad illi sar fuq fatt sostanzjalment korretti.

Apparti dan il-punt, jigi osservat ukoll illi, ghalkemm il-post jaghti l-indirizz tal-post bhala 119, Republic Street, u jaghmel referenza ghas-sid, minn imkien ma seta l-qarrejj ordinarju jasal ghall-konkluzjoni illi s-sid ta' tali propjeta kienet attwalment is-socjeta rikorrenti. Ghalhekk, l-identifikazzjoni tas-socjeta rikorrenti, element essenzjali f'kaz ta' libell, huwa nieqes ukoll.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati,

**Tichad** it-talba attrici,

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni ikunu a kariku tas-socjeta rikorrenti.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur